SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

25 ta' Ġunju 2020*

"Appell – Klawżola ta' arbitraġġ – Persunal tal-missjonijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea – Kompetizzjoni interna – Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt ta' xogħol – Att separabbli mill-kuntratt"

Fil-Kawża C-730/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2018,

SC, irrappreżentata minn A. Kunst, Rechtsanwältin u L. Moro, avvocatessa,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Eulex Kosovo, irrappreżentata minn E. Raoult, avocate,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, M. Safjan, L. Bay Larsen (Relatur), C. Toader u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: M. Longar, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Novembru 2019,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, SC titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Settembru 2018, SC vs Eulex Kosovo (T-242/17, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat", EU:T:2018:586), li permezz tiegħu din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, abbażi tal-Artikoli 272 u 340 TFUE, l-ewwel nett, sabiex jiġi kkonstatat li Eulex Kosovo kienet naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali tagħha fir-rigward tagħha, fit-tieni lok, sabiex jiġi kkonstatat li

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

l-kompetizzjoni interna organizzata minn Eulex Kosovo fl-2016 sabiex tiġi pprovduta l-pożizzjoni tal-prosekutur (kompetizzjoni EK30077) (iktar 'il quddiem il-"kompetizzjoni interna tal-2016"), u n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tax-xogħol tagħha kienu illegali kif ukoll, fit-tielet lok, li tikseb kumpens għad-danni materjali u morali li jirriżultaw mill-ksur, minn Eulex Kosovo, tal-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 10(3) tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK, tal-4 ta' Frar 2008, dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, Eulex Kosovo (ĠU 2008, L 42, p. 92), jipprevedi:

"Il-kondizzjonijiet tal-impjieg u d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali għandhom jiġu stabbiliti fil-kuntratti li għandhom jiġu konklużi bejn il-EULEX KOSOVO u l-membri tal-persunal ikkonċernati."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

3 Il-missjoni Eulex Kosovo nħolqot permezz tal-Azzjoni Konġunta 2008/124 u sussegwentement ġiet estiża diversi drabi.

4 SC ġiet impjegata minn Eulex Kosovo, bħala prosekutur fuq il-bażi ta' ħames kuntratti għal żmien determinat suċċessivi matul il-perijodu bejn l-4 ta' Jannar 2014 u l-14 ta' Novembru 2016. L-ewwel żewġ kuntratti kienu jinkludu klawżola ta' arbitraġġ li tindika li l-qrati ta' Brussell (il-Belġju) għandhom ġurisdizzjoni fil-każ ta' tilwima li tirriżulta mill-kuntratt. L-aħħar tliet kuntratti kienu jipprovdu, fl-Artikolu 21 rispettivi tagħhom, il-ġurisdizzjoni tal-"Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 272 [TFUE]", għal kull tilwima li tirriżulta mill-kuntratt jew relatata miegħu.

5 L-Artikolu 1.2 tal-aħħar kuntratt li jorbot lil Eulex Kosovo mar-rikorrenti jistipula li "[i]d-dokumenti segwenti huma parti integrali mill-kuntratt (wara l-validazzjoni): Il-CONOPS/OPLAN, inkluż il-kodiċi ta' kondotta (CDC) u l-proċeduri operattivi standardizzati (PON)".

6 Fl-1 ta' Lulju 2014, SC irċeviet notifika mis-superjur dirett tagħha dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni interna għall-pożizzjoni ta' prosekutur, peress li, skont il-pjan ta' operazzjoni (iktar 'il quddiem l-"OPLAN"), in-numru ta' prosekuturi kellu jitnaqqas u peress li l-Artikolu 4.3 tal-proċeduri operattivi standard relatati mal-organizzazzjoni mill-ġdid (iktar 'il quddiem il-"PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid ") kienu jipprevedu kompetizzjoni f'tali ċirkustanzi. Il-kompetizzjoni interna saret fis-sajf tal-2014 u sussegwentement ġiet annullata.

7 Fl-24 ta' Ġunju 2016, SC ġiet informata, permezz ta' ittra tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani ta' Eulex Kosovo, li kienet prevista kompetizzjoni interna ġdida għall-pożizzjoni ta' prosekutur pubbliku għax-xahar ta' Lulju 2016, minħabba t-tnaqqis fin-numru ta' pożizzjonijiet disponibbli.

8 Permezz tal-ittra tal-kap tal-uffiċċju tar-riżorsi umani tat-30 ta' Settembru 2016, SC ġiet informata li hija ma għaddietx mill-kompetizzjoni interna tal-2016 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016"). Permezz tal-istess ittra, SC ġiet informata li l-kuntratt ta' xogħol tagħha, li skada fl-14 ta' Novembru 2016, ma kienx ser jiġġedded u li l-modalitajiet dwar dan l-għan tal-kuntratt kienu ser jiġu kkomunikati sussegwentement (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol").

9 Permezz tal-ittra tal-10 ta' Ottubru 2016, SC ressqet ilment quddiem iċ-ċentru ta' missjoni kontra d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 u d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol.

10 Permezz ta' ittra tal-31 ta' Ottubru 2016, din il-kap ta' missjoni ċaħdet l-ilment ta' SC.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

11 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' April 2017, SC ippreżentat rikors li essenzjalment jinkludi erba' kapijiet ta' talbiet. Fuq l-ewwel u t-tieni kapijiet tat-talbiet, intiżi sabiex il-Qorti Ġenerali tikkonstata li Eulex Kosovo kisret l-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali tagħha. Permezz tat-tielet kap tat-talbiet, SC talbet lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 u d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol kienu illegali. Ir-raba' kap tat-talbiet kien intiż sabiex Eulex Kosovo tiġi kkundannata tikkumpensa d-danni materjali u morali li jirriżultaw mill-ksur tal-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali tagħha.

12 Insostenn tar-rikors tagħha, SC invokat ħames motivi. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-PON dwar organizzazzjoni mill-ġdid kif ukoll tal-proċeduri operattivi standardizzati dwar l-għażla tal-persunal. It-tieni motiv kien ibbażat fuq il-ksur ta' dawn il-proċeduri operattivi standardizzati, tal-kodiċi ta' kondotta u ta' dixxiplina ta' Eulex Kosovo, tal-prinċipji kuntrattwali ta' ekwità u ta' *bona fide* kif ukoll tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. It-tielet sal-ħames motivi kienu bbażati, essenzjalment, fuq ksur ta' diversi prinċipji tad-dritt tal-Unjoni u ta' deċiżjonijiet adottati minn Eulex Kosovo. Barra minn hekk, SC invokat ir-responsabbiltà kuntrattwali u r-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' Eulex Kosovo.

13 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Awwissu 2017, Eulex Kosovo qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 130(1) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar din is-sentenza fl-20 ta' Ottubru 2017.

14 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma eżaminat din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, ċaħdet, skont l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, ir-rikors ippreżentat minn SC bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt.

15 Sabiex tistabbilixxi n-natura manifestament inammissibbli tat-tielet kap tat-talbiet ta' dan ir-rikors, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 kienet separabbli mill-kuntratt ta' xogħol li jorbot lil SC ma' Eulex Kosovo (iktar 'il quddiem il-"kuntratt ta' xogħol"). Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol kienet ukoll separabbli minn dan il-kuntratt. Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li dan il-kap ta' talbiet kellu jitqies bħala li jikkostitwixxi talba għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE u li tali talba kellha tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli sa fejn din kienet tressqet tardivament minn SC.

It-talbiet tal-partijiet

16 Permezz tal-appell tagħha, SC qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla d-digriet appellat;

– prinċipalment, tilqa' r-rikors fl-ewwel istanza, għajr fir-rigward tal-ħames motivi;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali; u

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

17 Eulex Kosovo titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lil SC għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

18 SC tibbaża ruħha fuq ħames aggravji insostenn tal-appell tagħha. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq allegat ksur tal-Artikolu 272 KE. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur ta' dan l-artikolu, tad-dritt għal rimedju effettiv u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-PON dwar organizzazzjoni mill-ġdid, tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, tal-prinċipju ta' imparzjalità u tal-obbligu ta' motivazzjoni. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 268 u 270 TFUE. Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq ksur ta' dawn l-aħħar artikoli u tal-Artikolu 272 TFUE kif ukoll tal-Artikoli 31 u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-argumenti tal-partijiet

19 Permezz tat-tielet parti tat-tieni aggravju tagħha, li għandha tiġi eżaminata qabel kollox, SC issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 kif ukoll id-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol kellhom jitqiesu bħala deċiżjonijiet amministrattivi separabbli minn dan il-kuntratt u billi kkunsidrat, konsegwentement, li dawn ma setgħux jiġu kkontestati abbażi tal-Artikolu 272 TFUE.

20 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016, SC issostni li din id-deċiżjoni ttieħdet abbażi tal-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx validament tikkunsidra li din id-deċiżjoni ma kinitx ittieħdet abbażi tal-kuntratt ta' xogħol, filwaqt li l-Artikolu 1.2 ta' dan il-kuntratt kien jistipula espliċitament li l-proċeduri operattivi standardizzati "jagħmlu parti integrali mill-kuntratt" bl-istess mod bħall-OPLAN.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li SC ma qajmet ebda motiv ibbażat fuq klawżoli tal-kuntratt li jorbotha ma' Eulex Kosovo, meta hija kienet qajmet diversi motivi bbażati fuq il-ksur tal-PON dwar organizzazzjoni mill-ġdid.

22 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, id-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol, SC issostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet f'diversi kawżi li tali deċiżjoni kienet marbuta mal-kuntratt. Is-sempliċi assenza, f'dan il-kuntratt, ta' klawżola li tistipula t-tiġdid tiegħu ma għandha ebda effett fuq il-fondatezza ta' tali konklużjoni.

23 SC iżżid li l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat iwassal sabiex l-aġenti ta' Eulex Kosovo jiġu sistematikament prekluży milli jikkontestaw il-parti l-kbira tal-ilmenti indirizzati lilhom fil-qasam tal-impjieg quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, milli jikkontestaw id-deċiżjonijiet l-iktar gravi meħuda fil-konfront tagħhom. Tali approċċ jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

24 Eulex Kosovo targumenta li l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali huwa konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-Artikolu 272 TFUE għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv.

25 Fil-fatt, il-klawżola ta' arbitraġġ imsemmija fil-kuntratt tax-xogħol tkopri biss il-kawżi li jirriżultaw minn dan il-kuntratt jew li huma relatati miegħu. Għaldaqstant, huma biss il-kwistjonijiet li huma indissoċjabbli li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 272 TFUE. Issa,

għalkemm il-miżuri adottati sabiex jiġu implementati d-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom effettivament konsegwenzi fuq l-aġenti ta' Eulex Kosovo, dawn għandhom madankollu jitqiesu bħala atti amministrattivi separabbli minn dan il-kuntratt.

26 Għalhekk, id-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 toriġina minn deċiżjoni esterna għal Eulex Kosovo u mhux mill-imsemmi kuntratt. Din id-deċiżjoni esterna ġiet irreġistrata fl-OPLAN, u sussegwentement ġiet implementata fil-kuntest iddefinit mill-proċeduri operattivi standardizzati.

27 F'dan ir-rigward, ma jistax jitqies li l-OPLAN u l-proċeduri operattivi standardizzati jikkostitwixxu dokumenti kuntrattwali. Ċertament, mill-Artikolu 1.2 tal-kuntratt ta' xogħol jirriżulta li dawn id-dokumenti jifformaw parti integrali minn dan il-kuntratt. Madankollu, dawn huma atti li għandhom portata ġenerali li mhux neċessarjament jillimitaw ruħhom għal kwistjonijiet ta' natura kuntrattwali.

28 Fir-rigward tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol, il-Qorti Ġenerali ġustament ibbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq l-assenza, fil-kuntratt li jorbot Eulex Kosovo ma' SC, ta' klawżola dwar it-tiġdid tiegħu.

29 Barra minn hekk, SC ma hijiex fondata meta tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli rrifjutat b'mod ġenerali l-ġurisdizzjoni tagħha bbażata fuq il-klawżola ta' arbitraġġ, peress li din ċaħdet biss ir-rikors sa fejn kien, parzjalment, manifestament inammissibbli u, parzjalment, manifestament infondat fid-dritt, mingħajr ma eskludiet il-possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 272 TFUE jikkostitwixxi dispożizzjoni speċifika li tippermetti li tiġi adita l-qorti tal-Unjoni, skont klawżola ta' arbitraġġ stipulata mill-partijiet għal kuntratti ta' dritt pubbliku jew ta' dritt privat, u dan mingħajr limitazzjoni marbuta man-natura tal-azzjoni ppreżentata quddiem il-qorti tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Frar 2015, Planet vs Il-Kummissjoni, C-564/13 P, EU:C:2015:124, punt 23, u tas-7 ta' Novembru 2019, Rose Vision vs Il-Kummissjoni, C-346/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:939, punt 99).

31 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE jista' jiġi ppreżentat kontra l-atti kollha adottati mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun in-natura jew il-forma tagħhom, li huma intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti li jistgħu jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tiegħu (sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 16; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, EU:C:1981:264, punt 8).

32 Madankollu, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 36 tad-digriet appellat, fil-preżenza ta' kuntratt li jorbot lill-appellant ma' waħda mill-istituzzjonijiet, il-qorti tal-Unjoni tista' tiġi adita b'rikors abbażi tal-Artikolu 263 TFUE biss jekk l-att ikkontestat ikun intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti li jinsabu barra mir-relazzjoni kuntrattwali li torbot lill-partijiet, u li jimplikaw l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika mogħtija lill-istituzzjoni kontraenti fil-kwalità tagħha ta' awtorità amministrattiva (sentenzi tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko kai vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 20, u tat-28 ta' Frar 2019, Alfamicro vs Il-Kummissjoni, C-14/18 P, EU:C:2019:159, punt 50.

33 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 39 u 45 rispettivament tad-digriet appellat, li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 u d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol ma kinux ibbażati fuq il-kuntratt ta' xogħol. Minn dan hija ddeduċiet, fil-punt 46 tad-digriet appellat, li,

minkejja li SC ibbażat espressament it-tielet kap tat-talbiet tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza fuq l-Artikolu 272 TFUE, dan il-kap ta' talbiet kellu jitqies bħala li jikkostitwixxi talba għal annullament imressqa abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 263 TFUE.

34 Fl-ewwel lok, sabiex jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 kienet separabbli mill-kuntratt ta' xogħol, il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett irrilevat, fil-punt 40 tad-digriet appellat, li din l-għajnuna kienet ġiet organizzata minn Eulex Kosovo wara d-deċiżjoni li jitnaqqsu l-impjegati ta' din il-missjoni li kienet tirriżulta mill-approvazzjoni tal-OPLAN mill-Kunsill u mill-pjan ta' varar ta' Eulex Kosovo mill-kmandant tal-operazzjonijiet ċivili. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li d-deċiżjoni li tiġi organizzata l-imsemmija kompetizzjoni kienet tikkostitwixxi att amministrattiv li ma kienx ittieħed abbażi tal-kuntratt ta' xogħol.

35 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, fil-punt 41 tad-digriet appellat, fuq iċ-ċirkustanza li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 kienet ġiet adottata mill-Bord tal-Għażla fil-kuntest tas-sistema deskritta fil-punt 40 ta' dan id-digriet sabiex tikkonkludi, fil-punt 42 tal-imsemmi digriet, li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 kienet tinsab barra mir-relazzjoni kuntrattwali li torbot lil SC ma' Eulex Kosovo u kienet tirriżulta mill-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika mogħtija lil Eulex Kosovo fil-kwalità tagħha ta' awtorità amministrattiva.

36 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, billi ddeċidiet li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 kienet taqa' fil-kuntest ta' sistema ddefinita mill-OPLAN u mill-pjan ta' varar ta' Eulex Kosovo, il-Qorti Ġenerali ddeskriviet b'mod inkomplet il-kuntest ġuridiku li jirregola l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, kif sostniet SC u kif barra minn hekk issostni Eulex Kosovo, il-modalitajiet ta' organizzazzjoni ta' din il-kompetizzjoni kienu wkoll iddefiniti, parzjalment, mill-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid.

37 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tan-natura kuntrattwali jew statutorja tar-regoli previsti mill-OPLAN u mill-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid, mill-Artikolu 10(3) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124 jirriżulta li l-kundizzjonijiet tal-impjieg kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali u lokali jinsabu fil-kuntratti konklużi Eulex Kosovo u l-membri tal-persunal.

38 Issa, huwa paċifiku li l-Artikolu 1.2 tal-kuntratt ta' xogħol jistipula espliċitament li l-OPLAN u l-proċeduri operattivi standardizzati jifformaw parti integrali minn dan il-kuntratt.

39 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kellha tinterpreta l-Artikolu 1.2 tal-kuntratt ta' xogħol, sabiex tevalwa l-portata ta' din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, l-effetti eventwali tagħha fuq in-natura kuntrattwali jew statutorja li kellhom, fir-rigward ta' SC, ir-regoli stabbiliti fl-OPLAN u fil-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid. Peress li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx din l-interpretazzjoni minn qabel, hija setgħet biss validament tikkunsidra li deċiżjoni individwali dwar is-sitwazzjoni ta' SC fi ħdan Eulex Kosovo, adottata fil-kuntest ta' sistema ddefinita b'mod partikolari mill-OPLAN u mill-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid, kienet toħloq effetti legali vinkolanti li ma jaqgħux taħt ir-relazzjoni kuntrattwali bejn SC u Eulex Kosovo.

40 F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni tal-fatt li d-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 ġiet adottata sabiex tingħata segwitu għad-deċiżjoni li jitnaqqsu l-impjegati ta' Eulex Kosovo, li n-natura separabbli tal-kuntratt ta' xogħol tagħha ma ġietx ikkontestata, ma tistax tippermetti lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi billi ma tiddeterminax ukoll il-portata tal-Artikolu 1.2 ta' dan il-kuntratt.

41 Fil-fatt, peress li l-Artikolu 10(3) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124 jipprevedi li d-drittijiet u l-obbligi tal-persunal internazzjonali ta' Eulex Kosovo huma ddefiniti permezz ta' kuntratt, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li d-deċiżjonijiet ġenerali dwar l-organizzazzjoni ta' Eulex Kosovo jiġu implementati permezz ta' deċiżjonijiet individwali dwar l-istatus tal-membri ta' dan il-persunal li jaqgħu fil-kuntest tar-relazzjonijiet kuntrattwali li jorbtu Eulex Kosovo ma' dawn il-membri.

42 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 42 tad-digriet appellat, dwar in-natura separabbli tal-kuntratt ta' xogħol mid-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016, mingħajr ma l-ewwel interpretat l-Artikolu 1.2 ta' dan il-kuntratt.

43 Fit-tieni lok, sabiex jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol kienet separabbli minnu, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, fil-punt 45 tad-digriet appellat, fuq l-affermazzjoni li l-imsemmi kuntratt ma kienx jinkludi klawżola li tipprevedi t-tiġdid tiegħu. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li d-deċiżjoni li jiġi offrut jew li ma jiġix offrut kuntratt ġdid lil SC ma tirriżultax mill-klawżoli li jorbtuha ma' Eulex Kosovo, iżda li hija sempliċement siltet il-konsegwenzi tad-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016.

44 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li mill-konklużjoni li tinsab fil-punt 42 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx validament tibbaża ruħha fuq l-eżistenza tar-rabta bejn id-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 u d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol sabiex jiġi stabbilit li din id-deċiżjoni tal-aħħar kienet tipproduċi effetti legali vinkolanti li kienu jinsabu barra mir-relazzjoni kuntrattwali li torbot lil SC ma' Eulex Kosovo.

45 Min-naħa l-oħra, għalkemm il-fatt li l-kuntratt ta' xogħol ma jinkludix klawżola li tipprevedi espressament it-tiġdid tiegħu f'ċirkustanzi predeterminati jista' jkun rilevanti sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tar-rikors fl-ewwel istanza ppreżentat minn SC, dan ma jimplikax neċessarjament li l-legalità tad-deċiżjoni li dan il-kuntratt ma jiġġeddidx tista' tiġi evalwata mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-klawżoli tal-imsemmi kuntratt.

46 Għalhekk, peress li mit-test tal-Artikolu 4.3 tal-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid, li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kellu jevalwa n-natura kuntrattwali tiegħu, jirriżulta li dan l-artikolu jistabbilixxi rabta bejn ir-riżultati tal-kompetizzjoni interna u n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt ta' xogħol, il-legalità ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi evalwata billi jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-artikolu.

47 Minn dan isegwi li l-motivi kkunsidrati mill-Qorti Ġenerali fil-punt 45 tad-digriet appellat ma kinux suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-konklużjoni li d-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt ta' xogħol kienet separabbli minn dan il-kuntratt.

48 Fit-tielet lok, il-motiv li jinsab fil-punt 43 tad-digriet appellat, li jgħid li SC ma qajmet ebda aggravju, ilment jew argument ibbażat fuq klawżoli tal-kuntratt ta' xogħol ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali.

49 Ċertament, huwa paċifiku li SC invokat b'mod wiesa', insostenn tat-tielet kap tat-talbiet tagħha, diversi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-PON dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tistabbilixxi li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux jippreżentaw, fir-rigward ta' SC, natura kuntrattwali, mingħajr ma qabel interpretat l-Artikolu 1.2 tal-kuntratt ta' xogħol.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx validament tibbaża ruħha fuq il-konstatazzjonijiet magħmula fil-punti 42 u 45 tad-digriet appellat sabiex tipproċedi, fil-punt 46 ta' dan id-digriet, għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tat-talba fformulata fit-tielet kap tat-talbiet tar-rikors fl-ewwel istanza, u sussegwentement tistabbilixxi fuq din il-bażi, fil-punt 51 tal-imsemmi digriet, in-natura tardiva ta' din it-talba, li minnha tirriżulta l-inammissibbiltà ta' dan il-kap tat-talbiet.

51 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tieni aggravju mqajjem minn SC għandha tintlaqa'.

52 Peress li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, fil-punti 54, 55, 71 u 72 tad-digriet appellat, fuq in-natura inammissibbli tat-tielet kap tat-talbiet tar-rikors fl-ewwel istanza sabiex tiċħad it-talbiet l-oħra ta' dan ir-rikors, hemm lok li dan id-digriet jiġi annullat, fl-intier tiegħu, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-partijiet l-oħra tat-tieni motiv u lanqas l-aggravji l-oħra tal-appell.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

53 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar, fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

54 Dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

55 Fil-fatt, qabel kollox, hija wkoll il-Qorti Ġenerali, fid-dawl tal-motiv ta' annullament adottat, li għandha tinterpreta l-Artikolu 1.2 tal-kuntratt ta' xogħol, li jikkostitwixxi evalwazzjoni ta' fatt u ta' fatt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs ANKO, C-78/14 P, EU:C:2015:732, punt 23, kif ukoll id-digriet tal-21 ta' April 2016, Borde u Carbonium vs Il-Kummissjoni, C-279/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:297, punti 30 sa 32), sabiex tingħata deċiżjoni dwar in-natura separabbli ta' dan il-kuntratt mid-deċiżjoni dwar il-kompetizzjoni interna tal-2016 u tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx l-imsemmi kuntratt.

56 Sussegwentement għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti Ġenerali la eżaminat l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn Eulex Kosovo u lanqas il-fondatezza tat-tielet kap tat-talbiet tar-rikors fl-ewwel istanza, filwaqt li tali eżami jkun neċessarju jekk id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza jitqiesu li huma marbuta mar-relazzjoni kuntrattwali bejn SC u Eulex Kosovo.

57 Fl-aħħar nett, fil-każ li l-Qorti Ġenerali finalment tikkunsidra li dan il-kap tat-talbiet huwa ammissibbli, din ikollha, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punt 52 ta' din is-sentenza, teżamina mill-ġdid it-talbiet l-oħra ta' dan ir-rikors.

58 Għaldaqstant, il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fuq l-ispejjeż

59 Peress li l-kawża qiegħda tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura ta' appell għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Settembru 2018, SC vs Eulex Kosovo (T-242/17, EU:T:2018:586), huwa annullat.

2) Il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem